MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 49/2003

**Karen Cutajar**

**vs**

**Sandro Cutajar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-11 t'April 1996, fil-Knisja Parrokkjali St. Andrews, Ta' L-Ibragg;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba nuqqas ta' manteniment ghall-ghixien, theddid u ngurji *da parte* tal-konvenut fuq l-attrici u l-istil ta' hajja tal-konvenut, bir-rizultat li z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment;

Illi l-partijiet kontendenti kellhom tifel miz-zwieg taghhom jismu Leon, li twieled fl-24 ta' Settembru 1996 u li llum ghandu sitt (6) snin;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f'dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u dana skond id-digriet numru elf sitt mija u hamsa u sittin (1665/2002) li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "A";

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbl Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn zewgha l-konvenut;

3. Tiddeciedi dwar il-kura u l-kustodja tat-tifel minuri hawn fuq imsemmi;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentarja ghaliha u ghal binha minuri, skond dawk il-modalitajiet li dina l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha tistabbilixxi;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti;

6. Tillikwida l-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwsiti, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 14 tal-process, fosthom id-digriet tal-Qorti tas-16 ta' Jannar 2003 fejn laqghet it-talba attrici ghal difensur tal-Ghajnuna Legali, b'dan li gew assenjati Dr. Peter Fenech u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja.

Rat li d-digriet li tal-affidavit attrici li nghata fit-28 ta' Jannar 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' sittin (60) gurnata lill-attrici sabiex tipprezenta x-xhieda taghha permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju 2003 fejn il-Qorti estendiet z-zmien ghall-prezentata tal-affidavits attrici b'erbghin (40) gurnata ohra u nghata digriet nota guramentata.

Rat in-nota tal-attrici tal-25 t'Awissu 2003 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha flimkien man-nota guramentata kif diretta mill-Qorti.

Rat il-verbal tas-7 t'Ottubru 2003 fejn Dr. Peter Fenech ghall-attrici rrimetta ruhu ghall-atti u ddikjara li prezentament:-

- il-kura u kustodja tinsab f'idejn l-attrici;
- l-access jista' jiqba' liberu kif inhu llum b'notifika ta' gurnata;
- dwar manteniment jaghmel referenza ghall-affidavit (Lm15 fix-xahar); u li
- m'hemm ebda assi ohrajn x'jigu maqsuma.

Il-konvenut iddikjara li jaqbel u rremetta ruhu ghall-istess, u ghaldaqstant il-kawza giet differita ghat-28 t'Ottubru 2003 sabiex tinghata sentenza fuq dan hawn fuq dikjarat.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

## (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Karen Cutajar** permezz tal-affidavit taghha sostniet illi:-

*"Jiena nikkonferma li zzewwigt lil Sandro Cutajar fil-11 t'April 1996 u dan wara gherusija ta' hames snin.*

*Meta zzewwigna morna noqoghdu gewwa San Gwann f'post li konna krejna. Dan il-post wara li jiena u zewgi konna ddecidejna li nisseparaw, gie ritornat lura lis-sid.*

*Ftit wara li zzewwigna kellna tarbija, Leon, li twieled f'Settembru 1996, ezattament fl-24. Illum ghandu sitt (6) snin.*

*Il-problemi fiz-zwieg taghna tista' tghid bdew mill-ewwel, b'mod partikolari l-istil ta' hajja li beda jsegwi Sandro u l-hbieb li kien qabad maghhom. Dan nghid jiena kien il-kagun u r-raguni ghaliex dan iz-zwieg tfarrak.*

*Jiena u Sandro ilna 'de facto' separati minn Marzu tal-1998. Komunjoni tal-akkwisti ftit li xejn kellna x'naqsmu. Illum nghid li affarijiet materjali x'naqsmu m'ghandniex. Konna nghixu gewwa dar mikrija li kif ghidt irritornajniha lis-sid. Kontijiet bankarji ma kellniex u lanqas deheb jew ghamara taghna.*

*Kellna karozza KAC-359 li qed juza' Sandro u jiena naqbel li ghandu jzommha huwa stess. Minn wara li tlaqtu jiena xtrajt 'Opel' u din qieghed nghid li ghandha tibqa' tieghi wahdi. In-numru ta' registrazzjoni hija IAL-929.*

*Dwar dejn jidher li kien hemm biss ammont dovut lill-'UCIM' ghall-karozza 'Hyundai' li xtara u juza' Sandro. Jiena llum infurmata li dan id-dejn thallas ukoll, biss f'kull kaz nghid li peress li din il-karozza tinsab fil-pussess tieghu, jiena nitlob li kull dejn, jekk jirrizulta fuq din il-vettura li ghandha tigi assenjata lilu, jithallas minnu.*

*L-uniku haga li jehtieg li jigi deciz minn din l-Onorabbli Qorti hija l-kura u l-kustodja ta' ibni Leon. Leon illum ghandu sitt (6) snin.*

*Minn mindu sseparajna Leon dejjem ghex mieghi. Jiena nghix ghal rasi, wahdi mat-tifel tieghi, filwaqt li l-konvenut Leon dejjem mar lura jghix ghand ommu. Nghid li jiena ghandi l-kura u l-kustodja ta' Leon, temporanja mill-Onorabbli Qorti tas-Sekond' Awla. Din il-kura u kustodja ma kenitx kontestata mill-konvenut. Jiena nitlob li tigi konfermata minn din l-Onorabbli Qorti wkoll. Dan nghid ghaliex huwa fl-interess ta' Leon anke ghaliex jiena nsostni li Sandro ma hux kapaci wahdu jiehu hsiebu.*

*Nghid ukoll li t-tifel ma jridx kuntatti ma' missieru. Dwar dan nghid li mhux gej minni. Irrid nghid li jien ghandi relazzjonijiet tajbin hafna ma' omm Sandro u fil-fatt jiena ninsisti li Leon imur ghandhom biex jarahom. Jidher li hemm xi problema psikologika u fil-fatt is-Sekond' Awla kienet qabbdet 'Social Worker'. Jiena nghid li l-problema kienet bdiet min-nuqqas ta' nteress li wera l-konvenut f'ibnu, haga li llum qed jipprova jsewwi anke bl-insistenza tieghi, ghaliex wara kollox huwa missieru.*

*Jiena ma ghandix problema li zewgi jkollu access liberu ghal ma' ibnu, biss nghid li ghandu jigi ritornat lili kuljum fil-ghaxija.*

*Dwar il-manteniment nghid li zewgi ghandu jmantni lil Leon ghaliex wara kollox huwa ibnu. Illum ma nircievi xejn minkejja ordni tas-Sekond' Awla Qorti Civili li hu ghandu jhallas l-ammont ta' Lm15 fix-xahar. Qieghda nghix minn fuq ir-'relief' biss, u dan mhuwiex bizzejjed. Sa fejn naf jien zewgi ma jahdimx".*

## (ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI U FTEHIM,

Illi mill-ftit provi prodotti f'din il-kawza, u abbazi tal-fatt li jidher li l-partijiet qablu *seduta stante* kif jirregolaw is-separazzjoni taghhom, din il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha u dan minhabba li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment anke minhabba

nkompatibbilta' ta' karattru. Konsegwentment it-tieni talba attrici ghandha tigi milqugha u fil-fatt il-partijiet gja' jinsabu separati *de facto.*
Illi dwar it-tielet talba jidher li l-minuri dejjem ghex mal-attrici u allura l-kura u l-kustudja ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici b'dan li l-istess konvenut ghandu jkollu access liberu ghall-istess minuri bi qbil bejn il-partijiet, b'dan li l-istess access ghandu jigi ezercitat b'mod ragonevoli u bi pre-avviz dicenti lill-attrici, u b'dan ukoll li l-istess minuri ghandu dejjem jorqod mal-omm u fi kwalunkwe kaz jittiehed u jingieb mir-residenza tal-attrici.

Illi dwar ir-raba' talba jirrizulta li ma hemm l-ebda manteniment x'jigi likwidat ghall-attrici peress li l-konvenut huwa attwalment disokkupat; pero' l-istess konvenut obbliga ruhu u accetta li *nonostante* tali stat huwa jikkontribwixxi bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' hmistax-il lira Maltija (Lm15) fix-xahar, u in vista tac-cirkostanzi attwali tal-kaz tordna lill-konvenut ihallas bhala manteniment ghall-istess minuri l-ammont ta' hmistax-il Lira Maltija (Lm15) fix-xahar b'effett mid-data ta' din is-sentenza u dan bix-xahar bil-quddiem fir-residenza tal-istess attrici.

Illi il-Qorti dwar il-hames talba tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tiddikjara li tikkonsisti biss f'karozza Reg. No. KAC-539 li ghandha tigi assenjata lill-konvenut b'kull dejn li jista' jkun hemm fuqha u fil-fatt din il-vettura gja' tinsab fil-pussess tal-konvenut, u wkoll fil-karozza 'Opel' *Reg. No.* IAL–929 li ghandha tigi assenjata lill-attrici b'kull dejn li jista' jkun hemm fuqha, u fil-fatt l-istess vettura tinsab gja' fil-pussess tal-attrici.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ftehim bejn il-partijiet, accettat kemm mill-attrici u mill-konvenut quddiem din il-Qorti, li l-partijiet qablu li l-istess jigi nkorporat f'sentenza b'verbal tas-7 ta' Ottubru 2003, din il-Qorti **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba li z-zwieg ta' bejniethom tkisser irrimedjabbilment minhabba nkompatibbilta' ta' karattru.

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn zewgha l-konvenut;

3. Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Leon hawn fuq imsemmi ghandha tigi fdata u qed tigi fdata f'idejn l-attrici b'dan li l-istess konvenut ghandu jkollu access liberu ghall-istess minuri bi qbil bejn il-partijiet, b'dan li l-istess access ghandu jigi ezercitat b'mod ragonevoli u bi pre-avviz dicenti lill-attrici, u b'dan ukoll li l-istess minuri ghandu dejjem jorqod mal-omm u fi kwalunwe kaz jittiehed u jingieb mir-residenza tal-attrici.

4. Illi dwar ir-raba' talba jirrizulta li ma hemm l-ebda manteniment x'jigi likwidat ghall-attrici peress li l-konvenut huwa attwalment disokkupat; pero' l-istess konvenut obbliga ruhu u accetta li *nonostante* tali stat huwa jikkontribwixxi bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' hmistax-il lira Maltija (Lm15) fix-xahar, u in vista tac-cirkostanzi attwali tal-kaz tordna lill-konvenut ihallas bhala manteniment ghall-istess minuri l-ammont ta' hmistax-il Lira Maltija (Lm15) fix-xahar b'effett mid-data ta' din is-sentenza, u dan bix-xahar bil-quddiem fir-residenza tal-istess attrici.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

6. Tillikwida l-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u tiddikjara li tikkonsisti biss f'karozza Reg. No. KAC-539 li qed tigi assenjata lill-konvenut b'kull dejn li jista' jkun hemm fuqha, u fil-fatt din il-vettura gja' tinsab fil-pussess tal-konvenut, u wkoll fil-karozza 'Opel' *Reg. No.* IAL–929 li qed tigi assenjata lill-attrici b'kull dejn li jista' jkun hemm fuqha, u fil-fatt l-istess vettura tinsab gja' fil-pussess tal-attrici.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------